# L-ORGNI TAL-KNISJ A TAGĦNA
# 1903 - 2003



Waħda mill-opri l-kbar li għamel l-Arċipriet Dun Ġwann Andrea Vella fil-knisja tagħna kienet bla dubju ta' xejn l-orgni.

Monsinjur Gużeppi Farrugia (tal-Vers) kien inkarigat biex jagħmel il-kuntatti ħalli jinxtara dan l-orgni. Huwa mar għandu d-ditta ***Gaetano Cavalli*** f'Lodi, ftit 'l bogħod minn Milan.

L-Arċipriet Adrea Vella, ġie mgħarraf b'dak li kien ġie miftiehem mad-ditta u x-xogħol fuq l-orgni beda minnufih wara li saru xi modifiki u ġie iffirmat il-ftehim mal-propjetarju Signore Cavalli. Fl-Arkivju tal-parroċċa tagħna għadha tinżamm il-kopja tal-ftehim li kien sar ma' din id-ditta. Barra mill-kundizzjonijiet li kien hemm, dan id-dokument jagħti wkoll dettalji ta' dak kollu li kien se jsawwar l-orgni tal-knisja tagħna, u anke l-ispiża tiegħu.

Fit-2 ta' Lulju 1903 l-orgni kien Għawdex u espert ta' l-istess ditta Cavalli beda jarmah f'postu. Dan ix-xogħol ħa għaxart ijiem biex l-orgni jkun lest minn kollox.

L-orgni jikkonsisti f'għoxrin reġistru. Fih 1214 kanna wieqfa tal-metal; tastiera waħda 61 nota u pedaliera 27.

Dan l-orgni kien inxtara għas-somma ta' Lm208. L-orgni kellu jindaqq għall-ewwel darba fil-jiem tal-festa li dik is-sena ħabtet fis-26 ta' Lulju. Izda billi sitt ijiem qabel, fl-20 ta' Lulju, miet il-Papa Ljun XIII, il-Papa li kien għolla l-parroċċa ta' Sannat għad-dinjita' ta' Arċipretali, jumejn wara l-mewt tiegħu saret quddiesa funebri għar-ruħu u l-orgni żżanżan dak inhar.

Dan l-orgni kien jaħdem b'sistema ta' minfaħ manwali, iżda maż-żmien sarlu "blower" jaħdem bl-elettriku, minflok il-minfaħ manwali. Meta l-orgni ġie retawrat fl-1991 mis-Sur George Schembri minn Santa Lucija Malta, nqalgħu l-kanni kollha u ġew restawrati, tpoġġa "blower" forza ta' żiemel billi dak li kien fih kien żgħir (kwart ta' żiemel). Sar xogħol ta' restawr fuq ir-Regolatur, il-Pressjoni, it-Tastiera, il-Pedaliera, il-Bankun tal-baxxi, ecc.

L-ispiża tar-restawr ta' dan l-orgni li saret fl-1991 kienet telgħet is-somma ta' Lm1160 u dawn kienu jikkonsistu : Lm210 fi spejjes konnessi ma' tiswija u Lm950 xogħol mis-Sur George Schembri. Għal dan l-iskop kien sar ġbir fil-knisja u nġabret is-somma ta' Lm415 u nġabru wkoll Lm168 minn diversi offerti.

Illum, dan l-orgni għadu jsebbaħ il-liturġija fil-knisja tagħna. Għalkemm huma diversi il-persuni li minn żmien għall-ieħor jiġu fil-knisja tagħna u jammiraw il-ħlewwa ta' dan l-orgni sabiħ, imma wieħed jinnota li dan għandu bżonn ta' min iduru dawra oħra, biex dejjem jinżamm fi stat tajjeb u nibqgħu ngawdu din l-opra.


Pizzeria

Sannat Lions

Tel: 21 562695